

Brussell, 30 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11151/23

ECOFIN 676
UEM 210
SOC 501
EMPL 352
COMPET 696
ENV 775
EDUC 288
RECH 320
ENER 411
JAI 922
GENDER 152
ANTIDISCRIM 146
JEUN 190
SAN 427

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9846/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	COM(2023) 620 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Awstrija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tal-Awstrija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 620 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Awstrija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tal-Awstrija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pozzizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

² Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew 2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentriati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih ma identifikatx lill-Awstrija bħala wieħed mill-Istati Membri li jista' jiġi affettwat jew li jista' jkun friskju li jiġi affettwat mill-iżbilanċi. Inkwantu tali, ma jkunx meħtieġ rieżami fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2023 tal-Awstrija. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro³ ("Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro") fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq id-ditti vulnerabbli fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex jitwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

³ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni oħra bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investiment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.

- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsetti sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

⁴ Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

(7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Din għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħa il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettati u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdew bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati u jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha għandhom ikomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fit-30 ta' April 2021, l-Awstrija ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Awstrija⁵. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li l-Awstrija tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treggġgħet lura.

⁵ ST 10159/2021 INIT; ST 10159/2021 COR 1; ST 10159/2021 ADD 1.

- (10) Fis-26 ta' April 2023 l-Awstrija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tagħha, u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Awstrija dwar il-progress li sar fil-ksib tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.
- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għall-Awstrija. Huwa vvaluta l-progress tal-Awstrija biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022, u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Awstrija. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Huwa vvaluta wkoll il-progress tal-Awstrija fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

- (12) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Awstrija naqas minn 5.8 % tal-PDG fl-2021 għal 3.2 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 82.3 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 78.4 % fi tmiem l-2022. Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dak ir-rapport iddiskuta s-sitwazzjoni baġitarja tal-Awstrija, billi d-defiċit tal-gvern estiż tagħha fl-2022 qabeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ġie ssodisfat. F'konformità mal-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa 2023. Il-Kummissjoni ddikjarat sussegwentement li kienet ser tipproponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa 2024, abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023. L-Awstrija jenħtieġ li tqis dan fl-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għall-2023 u fit-tħejjija tal-abbozz tal-pjan baġitarju għall-2024.
- (13) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, tali miżuri tal-politika fiskali li jnaqqsu d-dħul kienu jinkludu l-posponiment tal-introduzzjoni ta' prezz tas-CO₂, ittnaqqis tal-imposti fuq l-enerġija, u r-remissjonijiet tat-taxxa għal min jivvjaġġa; filwaqt li tali miżuri tal-politika fiskali li jżidu n-nefqa kienu jinkludu sussidji għall-kostijiet tal-enerġija lill-kumpaniji, trasferimenti ta' somom f'daqqa lill-unitajiet domestiċi, u pagamenti diretti lill-pensjonanti. Il-kost ta' daww il-miżuri kien parzjalment ikkumpensat minn taxxi ġodda fuq profitti mhux mistennija tal-produtturi u l-fornituri tal-enerġija. Il-Kummissjoni tistma l-kost baġitarju nett ta' dawn il-miżuri fil-livell ta' 1.5 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat ukoll mill-kost baġitarju tal-offerta ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li hija stmata li kienet 0.2 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 0.8 % tal-PDG fl-2022, minn 4.3 % fl-2021.

- (14) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 l-Awstrija⁶ żżomm pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità, u tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali.
- (15) Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali⁷ fl-2022 kienet waħda ta' appoġġ, ta' – 2.8 % tal-PDG, kif irrakkomanda l-Kunsill. Ukoll kif irrakkomandat mill-Kunsill, l-Awstrija kompliet tappoġġa l-irkupru b'investimenti ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 0.2 % tal-PDG fl-2022 (0.2 % tal-PDG fl-2021). L-investment iffinanzjat nazzjonalment ipprovdha kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.1 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali⁸. Għalhekk, l-Awstrija ma ppreservatx l-investment iffinanzjat nazzjonalment li mhuwiex konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) ipprovdiet kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1.8 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti kienet tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (kost baġitarju nett addizzjonali ta' 1.5 % tal-PDG), kif ukoll il-kost biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0.2 % tal-PDG). Għalhekk l-Awstrija żammet suffiċjentement taħt kontroll it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata nazzjonalment.

⁶ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Awstrija (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 93).

⁷ Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

⁸ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata f'livell nazzjonali hija pproġettata li ttipprovdha kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.9 punt perċentwali tal-PDG. Din il-kontribuzzjoni espansjonarja hija xprunata l-aktar mix-xiri ta' riżerva strateġika tal-gass ta' madwar 0,8 % tal-PDG.

- (16) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà 2023 huwa konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni. Il-Gvern jipprojetta li l-PDG reali jikber b'0.3 % fl-2023 u b'1.8 % fl-2024. Meta mqabbel ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali aktar għoli ta' 0.4 % fl-2023 u tkabbir tal-PDG aktar baxx ta' 1.6 % fl-2024, prinċipalment minħabba kontribuzzjoni għat-tkabbir oġġla mill-konsum privat fl-2023 u kontribuzzjoni għat-tkabbir aktar baxxa mill-konsum pubbliku fl-2024.
- (17) Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2023, il-Gvern jistenna li l-proporzjon tad-defiċit tal-gvern estiż jibqa' 3.2 % tal-PDG fl-2023. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwa mistenni li jonqos minn 78.4 % fi tmiem l-2022 għal 77.0 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 2.4 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa aktar baxx mid-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Stabbiltà 2023, prinċipalment minħabba differenzi fl-aspettattivi tal-impatt baġitarju ta' xi miżuri relatati mal-enerġija, speċjalment fir-rigward tas-sussidji tal-enerġija lill-kumpaniji. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG, ta' 75.4 % fi tmiem l-2023. Id-differenza hija dovuta għad-differenza fid-defiċit mistenni tal-gvern.

(18) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu fil-miżuri li ġew estiżi mill-2022 (b'mod partikolari: mitigazzjoni tal-prezz tal-elettriku) u miżuri ġodda bħal skema ġdida għas-sussidji tal-kostijiet tal-enerġija lill-kumpaniji. Il-kost ta' dawk il-miżuri ikompli jiġi kkompensat parzjalment minn taxxi fuq profitti straordinarji mhux mistennija ta' fornituri tal-enerġija. Meta jitqies dak id-dħul, il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ huwa pprojetat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 1.8 % tal-PDG fl-2023⁹. Il-bieċa l-kbira tal-miżuri fl-2023 ma jidhrux li huma mmirati lejn l-unitajiet domestiċi jew id-ditti l-aktar vulnerabbli, u ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija. B'riżultat ta' dan, l-ammont ta' miżuri ta' appoġġ immirati, li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022¹⁰, huwa stmat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.4 % tal-PDG fl-2023 (meta mqabbel ma' 0.2 % tal-PDG fl-2022). Fl-aħħar nett, il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jibbenefika mit-tneħħija gradwali tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19, li ġew stmati għal 0.8 % tal-PDG.

⁹ Iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' dawk il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Awstrija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Awstrija (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 162).

(19) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li l-Awstrija tiegħu azzjoni biex fl-2023 tiżgura li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni ta' politika ġenerali newtrali¹¹, filwaqt li titqies it-tkomplija tal-appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Jenħtieġ li l-Awstrija tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali f'sitwazzjoni li qed tevolvi. Ġie rrakkomandat lill-Awstrija wkoll biex tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li tqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

¹¹ Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir tal-output potenzjali tal-Awstrija, li jintuża biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali, fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) huwa stmat fil-livell ta' 8.6 % f'termini nominali.

- (20) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetjata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun restrittiva (+ 1.0 % tal-PDG), fil-kuntest ta' inflazzjoni għolja. Dan isegwi pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2022 (- 2.8 % tal-PDG). Huwa pprojetjat li t-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata f'livell nazzjonali (nett minn miżuri diskrezzjonarji ta' dħul) fl-2023 jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,3 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Dan jinkludi ż-żieda fil-kost tal-miżuri ta' appoġġ immirati għall-unitajiet domestiċi u għad-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija b'0.2 % tal-PDG. Fil-qosor, it-tkabbir ipprojetjat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali huwa konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetjata li tammonta għal 0.3 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pprojetjat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva għall-pożizzjoni fiskali ta' 0.1 punt perċentwali. Għalhekk, l-Awstrija qed tippjana li tiffinanzja investment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u hija pprojetjata li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali¹². Qed tippjana li tiffinanzja l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, bħall-parteċipazzjoni fil-proġett importanti ta' interess Ewropew komuni dwar il-Mikroelektronika u l-Konnettività, id-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-amministrazzjoni pubblika kif ukoll is-sostituzzjoni tas-sistemi tat-tiżnin, li huma parzjalment iffinanzjati mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.
- (21) Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 1.6 % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 jirrifletti prinċipalment it-tneħħija gradwali tal-miżuri relatati mal-enerġija. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwa mistenni li jonqos għal 75.1 % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 1.3 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa simili għad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Stabbiltà 2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG, ta' 73.3 % fi tmiem l-2024.

¹² Nefqa kapitali oħra ffinanzjata f'livell nazzjonali hija pprojetjata li ttipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.9 punt perċentwali tal-PDG. Din il-kontribuzzjoni restrittiva hija riżultat tax-xiri ta' riżerva strateġika tal-gass fl-2022.

- (22) Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali ta' kważi l-miżuri kollha ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024 bis-suppożizzjoni li l-prezzijiet tal-enerġija jibqgħu jonqsu. Il-Kummissjoni tassumi wkoll eliminazzjoni gradwali kważi sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija (kost nett ta' 0.1 % tal-PDG fl-2024). Dawk l-istimi huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija.
- (23) Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju b'0.5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment¹³. Meta jitqiesu konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali, skont il-Kummissjoni jkun xieraq titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0.3 % tal-PDG għall-2024. Sabiex jiġi żgurat tali titjib, u f'konformità mal-metodoloġija tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali¹⁴ fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx il-4.6 %, kif rifless f'din ir-Rakkomandazzjoni. Fl-istess ħin, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jifdal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 1.8 % tal-PDG fl-2023) jenħtieġ li jitneħħew gradwalment, jekk l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija jippermettu li dan isir u l-ewwel għandhom ikunu l-miżuri l-inqas immirati, u l-iffrankar relatat jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tkabbir aktar baxx fin-nefqa primarja netta mir-rata ta' tkabbir massimu rakkomandat għall-2024.
- (24) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment tikber għal 4.0 % fl-2024, li hija taħt ir-rata ta' tkabbir rakkomandata. L-aġġustament ipprojettat fit-tbassir tal-Kummissjoni huwa inqas mill-iffrankar mit-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija, minħabba nefqiet li huma dipendenti fuq l-iżviluppi fl-inflazzjoni fl-2023, pereżempju n-nefqiet fuq il-pensjonijiet, il-kumpens tal-impjegati, u xi benefiċċji soċjali kif ukoll minħabba xi miżuri tal-enerġija li għadhom ma tneħħewx.

¹³ L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

¹⁴ In-nefqa primarja netta hija definita bħala nefqa ffinanzjata nazzjonalment netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax u n-nefqa ċiklika fuq il-qgħad.

- (25) Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, l-investment tal-gvern huwa mistenni li jonqos minn 3.5 % tal-PDG fl-2023 għal 3.4 % tal-PDG fl-2024. L-investment aktar baxx jirrifletti investment aktar baxx ifffinanzjat fil-livell nazzjonali.
- (26) Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2026. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 1.4 % tal-PDG fl-2025 u għal 1.3 % sal-2026. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż hu ppjanat li jibqa' inqas minn 3 % tal-PDG matul il-perjodu tal-Programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwa mistenni li jonqos minn 75.1 % fi tmiem l-2024 għal 71.4 % sa tmiem l-2026. L-Awstrija qed tiffaċċja riskji medji għas-sostenibbiltà fiskali fit-terminu twil, li huma l-aktar minħabba pressjonijiet baġitarji relatati mat-tixjiħ tal-popolazzjoni (b'mod partikolari, dan jinkludi żieda fin-nefqa għall-kura fit-tul u l-kura tas-saħħa), u żieda fid-dejn minħabba miżuri biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-kriżijiet tal-COVID-19 u tal-enerġija. Is-setturi tal-kura fit-tul u tal-kura tas-saħħa qed jiffaċċjaw ukoll nuqqas ta' ħaddiema, li huma sa ċertu punt marbuta man-nuqqas ta' attraenza tax-xogħol f'dawn is-setturi. Pakkett ta' riforma tal-kura implimentat reċentement biex jindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema, li jgħolli l-pagi u jipprovdi trasferimenti lill-indokraturi f'terminu qasir, huwa pass tajjeb biex il-professjoni ssir aktar attraenti iżda se jżid ukoll il-kostijiet fiskali. Fl-2021, task force dwar il-kura fit-tul ipproponiet miżuri biex itejbu l-adeqwatezza tal-kura filwaqt li jippreservaw is-sostenibbiltà fiskali. Dawn il-miżuri jinkludu l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kontroll ikkoordinat b'responsabbiltajiet ċari assenjati f'diversi livelli ta' gvern, li jgħin biex tiżdied il-kwalità u l-komparabbiltà tal-infiq pubbliku, pereżempju, billi jiddefinixxi prinċipji uniformi għat-tariffi għas-servizzi ta' kura fit-tul. In-negozjati li jinsabu għaddejjin dwar il-qafas fiskali federali jipprovdu opportunità biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' tali mekkaniżmu.

- (27) Is-sistema tal-kura tas-saħħa wriet li kienet reżiljenti matul il-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, l-infiq fil-kura tas-saħħa huwa pprojetat li jżied b'1.2 punti perċentwali tal-PDG sal-2070. Barra minn hekk, il-miżuri ta' prevenzjoni u l-kura tas-saħħa primarja outpatient għadhom ma jintużawx biżżejjed, filwaqt li ħafna servizzi tal-kura tas-saħħa għadhom jipprovduhom l-isptarijiet, li huwa mod għali u ineffiċjenti biex tingħata l-kura. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza se jgħin biex tissaħħaħ il-kura tas-saħħa outpatient, b'mod partikolari billi jappoġġa ċentri tal-kura tas-saħħa primarja ġodda u eżistenti fiż-żoni lokali. Madankollu, fid-dawl tat-tħassib dwar is-sostenibbiltà fiskali, se jkun kruċjali li jiġi żgurat li l-pazjenti jiġu ggwidati mis-sistema tas-saħħa b'mod konsistenti, inkluż billi jiġi żgurat li d-disponibbiltà akbar tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja tissarraf f'użu aktar baxx tas-servizzi eżistenti tal-kura tas-saħħa speċjalizzata fl-isptar jew dawk ambulatorji.
- (28) Il-qafas fiskali tal-Awstrija bħalissa jiddependi fuq sistema kumplessa ta' trasferimenti intergovernattivi bejn l-awtoritajiet federali u dawk reġjonali, u l-inċentivi li tipprovdi għal infiq pubbliku effiċjenti huma limitati. In-nuqqas ta' awtonomija fiskali jagħmel il-finanzjament tal-infiq fil-livelli federali dipendenti ħafna fuq din is-sistema. Fl-2022, 7.2 % biss mid-dħul pubbliku kollu kien dħul proprju tal-Istati federali¹⁵. Fl-istess ħin, is-servizzi essenzjali bħall-kura tas-saħħa, l-indukrar tat-tfal, u l-investimenti fit-trasport pubbliku jiddependu sa ċertu punt fuq in-nefqa mill-Istati federali u l-muniċipalitajiet. It-tibdil demografiku u t-tranżizzjoni ekoloġika qed ikomplu jaggravaw il-pressjoni tal-kostijiet fuq l-Istati federali u l-muniċipalitajiet, filwaqt li d-dħul proprju mhuwiex marbut mad-dinamika tan-nefqa. Il-qafas fiskali attwali huwa suxxettibbli għal ineffiċjenzi u nuqqas ta' trasparenza peress li jisfoka r-rabta bejn il-piż tat-taxxa u n-nefqa tal-gvern. L-allinjament aħjar tad-dħul minn sorsi proprji mal-infiq governattiv subċentrali, it-tisħiħ tat-trasparenza u l-koordinazzjoni huma kruċjali għat-titjib tal-kwalità ġenerali tal-infiq pubbliku. L-iffaċilitar tal-awtonomija fiskali permezz tar-riforma tas-sistema tat-taxxa fuq il-proprjetà jista' jintuża biex itejjeb il-federaliżmu fiskali u s-sistema tat-taxxa ġenerali. In-negozjati li jinsabu għaddejnin, li bdew lejn l-aħħar tal-2022, jipprovdu opportunità biex isir progress.

¹⁵ Din iċ-ċifra tirreferi għas-subsettur 1312 fis-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 2010 (ESA).

(29) Għad hemm lok għat-trasferiment tal-piż tat-taxxa lil hinn mix-xogħol għal sorsi ta' dħul aktar inklużivi u li jiffavorixxu t-tkabbir. Is-sistema tat-taxxa hija kkaratterizzata minn piż kbir fuq ix-xogħol li jirriżulta mit-taxxi fuq il-pagi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, bil-piż tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jerfgħuh kemm l-impjegati kif ukoll dawk li jħaddmu. Dan johlq reżistenza għall-ħolqien tal-impjegi u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment għal dawk b'paga baxxa u t-tieni sors ta' dħul. Fl-istess ħin, sorsi oħra ta' dħul li huma inqas detrimental għat-tkabbir ġust u sostenibbli, bħat-taxxi ambjentali jew fuq il-proprjetà, għadhom mhux utilizzati biżżejjed anki wara li wieħed iqis ir-riformi ta' dan l-aħħar. Is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent ixekklu t-tranżizzjoni ekoloġika. Ir-riforma fiskali ekosoċjali reċenti ttiprovdi ħelsien mit-taxxa lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji u twitti t-triq għall-ipprezzar tal-emissjonijiet tas-CO₂ barra mill-ambitu tas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS). Barra minn hekk, l-indiċjar awtomatiku tat-taxxa fuq l-introjtu personali mal-inflazzjoni huwa riforma notevoli li tnaqqas b'mod qawwi ż-żieda fil-piż tat-taxxa fuq l-introjtu personali għall-kontribwenti permezz ta' ċaqliq. Madankollu, għad hemm sfidi strutturali u hemm lok għal aktar tnaqqis tal-piż fuq ix-xogħol, biex tingħata spinta lill-ħolqien tal-impjegi u l-provvista tax-xogħol, speċjalment għal dawk b'introjtu baxx. L-użu aħjar ta' taxxi li jiffavorixxu aktar it-tkabbir jista' jgħin ukoll biex jinholq l-ispazju baġitarju meħtieġ u jissaħħaħ is-sens ta' ġustizzja fis-sistema tat-taxxa.

- (30) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. Li nipproċedu b'mod rapidu bl-implimentazzjoni tal-pjan huwa essenzjali minħabba n-natura temporanja tal-Faċilità fis-seħħ sal-2026. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Awstrija tinsab f'punt tajjeb. L-Awstrija ppreżentat talba waħda għal pagament, li tikkorrispondi għal 44 stadju importanti u mira fil-pjan u li rriżultat fi żborż ġenerali ta' EUR 700 miljun fl-20 ta' April 2023. Lil hinn mill-ewwel talba għal pagament, l-implimentazzjoni tal-pjan tinsab fit-triq it-tajba. L-Awstrija mistennija tippreżenta talba biex timmodifika f'it miżuri minħabba ċirkostanzi oġġettivi, bħal żidiet fil-prezzijiet u skarsezzi fil-katina tal-provvista. Għaddejja wkoll it-tnejn ta' kapitoli ġdid tar-REPowerEU u l-awtoritajiet Awstrijaċi qed jaħdmu mill-qrib mas-servizzi tal-Kummissjoni biex jippreżentawh dalwaqt. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza se tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġġettivi strateġiċi tal-Awstrija fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involviment sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.
- (31) Fl-2022 il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Awstrija. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex jinkisbu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat fl-Awstrija.

- (32) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni, l-Awstrija qed tiffaċċa għadd ta' sfidi oħra relatati mas-suq tax-xogħol. Is-sistema b'saħħitha tal-protezzjoni soċjali u l-miżuri ta' politika estensivi tal-Awstrija llimitaw l-impatt soċjali tal-pandemija tal-COVID-19. L-Awstrija għandha prestazzjoni tajba fil-biċċa l-kbira tad-dimensjonijiet tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iżda għad hemm xi problemi. B'mod partikolari, dawn jinkludu l-potenzjal mhux użat biżżejjed tan-nisa, il-ħaddiema bi kwalifiki baxxi, il-ħaddiema akbar fl-età u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Dan huwa partikolarment problematiku fid-dawl tan-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. L-isfruttar tal-potenzjal mhux użat ta' dawn il-gruppi jista' jnaqqas il-persjoni fuq is-suq tax-xogħol Awstrijak.
- (33) Għalkemm ir-rata ta' impjieg tan-nisa fl-Awstrija hija oġġla mill-medja tal-Unjoni, il-pajjiż għandu t-tieni l-oġġla rata ta' impjieg part-time tan-nisa. Aktar minn nofs in-nisa Awstrijaċi ħadmu part-time fl-2022 u huma sovrarappreżentati fis-setturi b'paga baxxi. Dan jindika opportunità sinifikanti biex tiżdied il-parteciċipazzjoni full-time tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Madankollu, il-provvista insuffiċjenti ta' indukrar tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għolja, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, tagħmel diffiċli li l-ommijiet jipparteciċipaw b'mod aktar attiv fis-suq tax-xogħol. L-Awstrija għandha waħda mill-aktar rati baxxi ta' indukrar formali tat-tfal taħt it-tliet snin fl-Unjoni, bi 28 % biss tat-tfal taħt l-età ta' tliet snin fl-indukrar formali tat-tfal. Biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, huwa kruċjali li tiżdied il-provvista ta' indukrar tat-tfal ta' kwalità billi jittejbu l-istandards tal-kwalità u tiġi estiża d-disponibbiltà, u billi jittejjeg l-impjieg full-time, pereżempju, permezz ta' inċentivi fiskali. L-introduzzjoni ta' aktar nisa f'impjieg full-time tista' tgħin ukoll biex tneħħi d-differenza persistentement għolja bejn il-ġeneri fil-pagi tal-Awstrija, kif ukoll id-differenza għolja bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet, filwaqt li tindirizza n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol.

- (34) Għad hemm il-potenzjal li tittejjeb l-integrazzjoni ta' diversi gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Madwar 45 % tal-persuni qiegħda fit-tul fl-Awstrija ma lestewx aktar mil-livell skolastiku sekondarju tal-ewwel livell. Persuni minn kuntest ta' migrazzjoni ġeneralment għandhom parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ferm aktar baxxa mir-residenti nattivi u l-livelli ta' introjtu futur għat-tfal fl-Awstrija spiss huma determinati minn dawk tal-ġenituri tagħhom. Għalkemm il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Awstrija jinkludi miżuri li jippromwovu t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet għal ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u għal persuni qiegħda fit-tul, dawn il-miżuri ma jindirizzawx kompletament il-problema sottostanti tal-parteċipazzjoni għal persuni minn kuntest ta' migrazzjoni u ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet. Sabiex tinkiser ir-rabta interġenerazzjonali persistenti tal-Awstrija bejn l-eżiti edukattivi tal-ġenituri u dawk tat-tfal tagħhom¹⁶, huwa partikolarment kruċjali li tiżdied id-disponibbiltà ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja, edukazzjoni matul il-ġurnata kollha u infrastruttura diġitali mtejba. Biex jintegraw migranti reċenti u gruppi żvantaġġati oħra, l-iskejjel jistgħu jipprovdu mentoring individwali aħjar, il-korsijiet tal-lingwa jistgħu jsiru aktar aċċessibbli u s-sistema ta' apprendistat tal-Awstrija tista' tintuża b'mod aktar effettiv. Fl-istess ħin, huwa essenzjali li jiġu pprovduti biżżejjed opportunitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja biex jiġu mmirati gruppi żvantaġġati fil-gruppi tal-etajiet kollha.
- (35) Hemm lok għal titjib fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema akbar fl-età, jiġifieri persuni ta' bejn il-55 u l-64 sena. Reċentement, ix-xejra fit-tul ta' żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema akbar fl-età naqset b'mod sinifikanti, filwaqt li r-rata ġenerali ta' attività ta' ħaddiema akbar fl-età hija taħt il-medja tal-Unjoni. L-adattament tal-kompiti tal-impjegati għaċ-ċiklu tal-ħajja tax-xogħol tagħhom u l-akkomodazzjoni tal-ħtiġijiet ta' individwi li qed jikbru fl-età se jsiru dejjem aktar importanti biex il-popolazzjoni li qed tixjeh tinżamm fil-forza tax-xogħol aktar fit-tul. Inċentivi aħjar biex tiżdied l-età effettiva tal-irtirar, bħal tassazzjoni tax-xogħol aktar baxxa jew kostijiet aktar baxxi tax-xogħol mhux marbuta mal-pagi għal dawk li jaħdmu għal żmien itwal, jgħinu biex jittaffew l-iskarsezzi fis-suq tax-xogħol Awstrijak.

¹⁶ Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2022 tal-Kummissjoni Ewropea – rapport tal-pajjiż dwar l-Awstrija.

- (36) L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja esponiet il-vulnerabbiltà tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Awstrija. Għalkemm l-Awstrija rnexxielha tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq l-importazzjoni tal-gass mir-Russja, li niżlet għal 57 % tal-importazzjoni totali tal-gass tagħha fl-2022 meta mqabbla ma' 80 % fl-2021, din għadha ferm oġhla mill-medja tal-Unjoni. Għad-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija tiegħu, il-gvern introduċa inċentivi finanzjarji għall-kumpaniji biex jimportaw gass minn sorsi mhux Russi u stabbilixxa riżerva strateġika tal-gass fl-2022. Madankollu, l-Awstrija għadha qed tiffaċċja sfidi sinifikanti biex tiggarrantixxi s-sigurtà tal-enerġija. Il-pajjiż għad ma għandux perkors ta' terminu qasir definit b'mod ċar biex jinqata' kompletament mill-importazzjoni tal-gass Russu. Barra minn hekk, għad hemm potenzjal mhux użat biżżejjed fil-produzzjoni u t-trażmissjoni ta' gassijiet rinnovabbli, bħall-idroġenu, speċjalment għal setturi u reġjuni vulnerabbli għall-interruzzjonijiet fil-provvista.
- (37) Fl-2021, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fl-Awstrija kien ta' 36 %, tal-konsum finali tal-enerġija, li huwa konsiderevolment oġhla mill-medja tal-Unjoni. Biex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi tal-Awstrija, li jinkludu li jilħaq in-newtralità klimatika sal-2040, il-pajjiż jeħtieġ li jkompli jkabbar dan il-perċentwal. Ir-riforma tal-2021 għall-appoġġ għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ħolqot il-qafas meħtieġ biex jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum tal-elettriku. Ir-riforma għandha l-għan li tikseb kapaċità annwali ta' ġenerazzjoni tal-elettriku ta' 27 TWh minn sorsi rinnovabbli sal-2030, li se tikkontribwixxi għall-mira tal-pajjiż li jilħaq 100 % tal-konsum tal-elettriku rinnovabbli sa dik is-sena, żieda mill-81 % attwali fl-2020. Madankollu, l-espansjoni ulterjuri tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għadha qed tiffaċċja sfidi, bħat-tul tal-ippjanar spazjali u l-proċeduri tal-permessi, diviżjoni kumplessa tas-setgħat bejn il-gvernijiet federali u dawk reġjonali u kwistjonijiet ta' persunal fl-amministrazzjoni. L-Awstrija ħadet l-ewwel pass biex tintroduċi valutazzjoni tal-impatt ambjentali aktar simplifikata għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, l-Awstrija tista' tallinja aħjar it-tqassim spazjali settorjali mal-għanijiet tagħha ta' tranżizzjoni ekoloġika, issolvi kwistjonijiet bil-persunal u żżid l-investiment fl-infrastruttura tan-network bħall-ħżin, id-distribuzzjoni u t-trażmissjoni. L-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli tibbenefika wkoll mit-twaqqif ta' żoni ta' aċċellerazzjoni ddedikati għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli (b'mod partikolari għar-riħ) bi proċeduri ta' permessi qosra u sempliċi, u mir-rikonnoxximent tal-enerġija rinnovabbli bħala interess pubbliku prevalenti, f'konformità mal-miri aktar ambizzjużi tal-enerġija rinnovabbli fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u l-pjan REPowerEU. Barra minn hekk, sorsi addizzjonali ta' enerġija rinnovabbli, bħall-enerġija ġeotermali, jistgħu jiġu esplorati aktar.

(38) Il-konsum tal-gass naturali tal-Awstrija naqas b'19 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, lil hinn mill-mira ta' tnaqqis ta' 15 %. L-Awstrija tista' tkompli tagħmel sforzi biex tnaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369¹⁷. Iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni għall-effiċjenza enerġetika fis-setturi tal-bini u tal-industrija se tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. L-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tal-Awstrija tistabbilixxi stadji importanti ċari għall-2050 u għandha l-għan li tikseb dekarbonizzazzjoni ta' 80 % tal-istokk tal-bini tagħha. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha se jaċċellera l-eliminazzjoni gradwali tal-bojlers tal-fjuwils fossili fis-settur tal-bini u jissostitwihom b'teknoloġija tat-tiġin rinnovabbli jew bit-tiġin distrettwali. Madankollu, il-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Awstrija għall-2030 mhumiex ambizzjużi biżżejjed biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" u tal-pjan REPowerEU. Liġi ġdida dwar l-Effiċjenza Enerġetika, li hija mistennija fl-2023 u li għandha l-għan li tnaqqas il-konsum finali tal-enerġija bi 18 % sal-2030, għandha tindirizza din il-kwistjoni. B'mod ġenerali, se jkun essenzjali li l-Awstrija taċċellera l-investiment fir-rinnovazzjoni profonda tal-bini, is-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili b'tiġin rinnovabbli, u l-ġestjoni aħjar tal-konsum tal-enerġija permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-utilitajiet (bħal arloġġi intelliġenti u termostati). Barra minn hekk, se jkun kruċjali li jitħaffef il-pass kajman attwali li bih għaddej il-bini fir-rinnovazzjoni termali. L-implimentazzjoni f'waqtha tal-"Liġi dwar it-Tiġin Rinnovabbli", riforma ewlenija fil-pjan Awstrijak għall-irkupru u r-reżiljenza, se tkun kruċjali biex tiġi indirizzata l-kwistjoni.

¹⁷ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

- (39) Il-bidu tat-tranżizzjoni ekoloġika se jinkludi wkoll it-tnaqqis tal-emissjonijiet f'bosta setturi, speċjalment dawk li jirriżultaw mit-trasport, billi dawk is-setturi għandhom potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. L-Awstrija attwalment isservi bħala pajjiż ta' tranżitu sinifikanti għat-trasport tal-merkanzija bir-rota trans-Alpina. Minkejja għadd ta' investimenti fit-trasport sostenibbli fl-ambitu tal-pjan Awstrijak għall-irkupru u r-reżiljenza, tnaqqis ulterjuri tal-emissjonijiet relatati mat-trasport, filwaqt li fl-istess ħin jindirizza l-faqar fit-trasport, se jkun essenzjali biex tinkiseb newtralità klimatika. L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet addizzjonali tat-trasport, bħall-konnessjoni tal-"aħħar mil", u alternattivi għall-użu tal-karozzi, se jkun kruċjali wkoll, speċjalment fiż-żoni rurali.
- (40) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-2022, ġew irrapportati skarsezzi ta' ħaddiema fl-Awstrija għal 17-il okkupazzjoni li jeħtieġu ħiliet jew għarfien speċifiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż tekniċi tal-inġinerija ċivili, saqqafa u inġiniera mekkaniċi. Taħt il-Pjan Regulatorju tagħha għall-Impjiegi Ekoloġiċi, l-Awstrija introduċiet pjattaforma għall-impjiegi ekoloġiċi biex tgħin fit-tqabbil tad-domanda mal-provvista tax-xogħol. L-implimentazzjoni ta' dak il-Pjan Regulatorju se tkun kruċjali biex tiġi żgurata tranżizzjoni f'waqtha lejn l-ekonomija ekoloġika. Fil-Pjan ta' Azzjoni għal Tranżizzjoni Ġusta dwar it-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet tagħha, l-Awstrija stabbiliet miżuri biex ittejjeb il-provvista ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati fis-settur tal-enerġija rinnovabbli, tincentina t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol u ttejjeb l-istandards edukattivi.

- (41) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà 2023 u l-opinjoni¹⁸ tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).
- (42) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex (i) jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn u joqogħdu lura minn appoġġ fuq bażi wiesgħa għad-domanda aggregata fl-2023, jimmiraw aħjar il-miżuri fiskali meħuda biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jirriflettu dwar modi xierqa biex inaqqsu l-appoġġ hekk kif jonqsu l-pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija; (ii) isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku u jippromwovu l-investimenti privati biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; (iii) jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist filwaqt li jillimitaw l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni, ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet; (iv) itejbu l-ambjent tan-negozju u jiżguraw li l-appoġġ għall-enerġija lill-kumpaniji jkun kosteffettiv, temporanju u mmirat lejn ditti vijabbli u li jżomm l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika; u (v) jippreservaw l-istabbiltà makrofinanzjarja u jimmonitorjaw ir-riskji filwaqt li jkomplu jaħdmu fuq it-tlestija tal-unjoni bankarja. Għall-Awstrija, ir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3) u (4) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni u t-tielet rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro,

¹⁸ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Awstrija tieġu azzjoni fl-2023 u fl-2024 biex:

1. Tnaqqas gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ, u tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, tiżgura li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fl-livell nazzjonali fl-2024 għal mhux aktar minn 4.6 %¹⁹.

Tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-għotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli oġhla, sabiex tikseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Tiżgura l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-kura fit-tul u s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-kura tas-saħħa. Tissimplifika u tirrazzjonalizza r-relazzjonijiet fiskali u r-responsabbiltajiet fis-saffi kollha tal-gvern u tallinja r-responsabbiltajiet tal-finanzjament u tal-infiq. Ittejjeb it-taħlita tat-taxxa biex tappoġġa t-tkabbir inklużiv u sostenibbli.

2. Tissokta bl-implimentazzjoni kostanti tal-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza u tiffinalizza malajr il-kapitolu REPowerEU bil-ħsieb li mingħajr dewmien tibda l-implimentazzjoni tiegħu. Tkompli għaddejja bl-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

¹⁹ Li hija stmata li tikkorrispondi għal titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali ta' mill-inqas 0.3 % tal-PDG għall-2024, kif deskritt fil-premessa 23.

3. Tagħti spinta lill-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, inkluż billi ttejjeb is-servizzi ta' kwalità għall-indukrar tat-tfal, u l-parteċipazzjoni ta' ħaddiema akbar fl-età. Ittejjeb l-eżiti tas-suq tax-xogħol għal gruppi żvantaġġati, bħal persuni b'livell baxx ta' ħiliet li qed ifittxu impjieg u persuni bi sfond ta' migrazzjoni, inkluż billi tgħolli l-livelli ta' ħiliet bażiċi tagħhom.
4. Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u tiddiversifika s-sorsi tal-provvista tal-gass sabiex tnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza fuq ir-Russja. Taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura meħtieġa, b'mod partikolari billi tissimplifika l-proċeduri tal-għoti ta' permessi u tistabilixxi oqsma ta' aċċellerazzjoni ddedikati. Ittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Tnaqqas l-emissjonijiet, b'mod partikolari fis-settur tat-trasport. Iżżid l-isforzi ta' politika mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
